# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2016.

Appell Nru: 561/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Ian Xuereb**

Illum

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Ian Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 149887M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: 1) Nhar is-17 ta' Awwissu, 2013, ghall-habta tas-sitta neqsin ghoxrin gewwa Triq Patri Vincenz Portelli, kkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Carmela Barbara ta' 70 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza bi ksur tal-Art. 2620(1)(a), 276A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 2)Volontarjament ikkommetta griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmela Barbara ta' 70 sena skond certifikat mediku ta' Dr. C. Mercieca M.D. reg. 2251, bi ksur tal-Art. 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 3)Fl-istess cirkostanzi, sar

recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jstghux jigu mhassra jew mibdula skond Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 4)Fl-istess cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiva ta' sentenza sospiza datata 6 ta' Mejju, 2013 mghotija lilu minn Mag. Dr. C. P. Scerri Herrera LL.D. kif ukoll ta' sentenza ta' Probation (Art. 7. Chap 446) mghotija minn Mag. Dr. Edwina Grima LL.D. nhar is-17 ta' Mejju, 2013 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 262(1)(a), 274(c), 276A, 221(1), 17(h), 49, 50, 31, 289, 28A sa H tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u kkundannatu tlett (3) snin prigunerija u ordnat ulterjorment li l-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-6 ta' Mejju, 2013 tigi reza operattiva sabiex b'hekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija. Wara li rat l-artikoli 392A(2) u 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat li l-atti kollha tal-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ian Xuereb, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat illi l-aggravju tal-appellant huwa dak singolari dwar il-piena kominata mill-Ewwel Qorti. Fir-rikors tieghu l-appellant jghid *illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti tat sentenza ta' prigunerija effettiva ta' tlett snin u in effett kull ma kien misruq kien gizirana li tiswa ftit Euros. B'hekk is-sentenza mhix ekwa u gusta.*

Ikkunsidrat,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu wara li kien seraq gizirana tad-deheb minn fuq mara anzjana ta' 70 sena waqt li kienet qed titma xi qtates tat-triq. L-anzjana gharfet lill-imputat li appena hatfilha l-gizirana telaq jigri lejn vettura li kienet qed tistennieh u misjuqa minn haddiehor. L-istess anzjana sofriet griehi hfief f'dan l-incident u l-imputat ammetta sew ghal-akkuzi in rigward kif ukoll ghall-addebitu u l-kommissjoni ta' rejat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll ta' sentenza taht id-dispost tal-artikolu 7 tal-Kap 446;

Kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna in materja ta' piena, l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm din ma tkunx 'l hinn mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt moghtija. Dan il-principju kien riaffermat b'mod kostanti kif jemergi mis-sentenza anke ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali kollegjalment moghtija fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs ..*ommisis*.. u Noel Frendo tat-3 ta' Dicembru 2015;**

L-appellant jilmenta mill-fatt illi l-gizirina minnu misruqa tiswa biss *"ftit euros"* u ghalhekk ma kellux jinghata piena li skond hu hija wahda eccessiva. L-appellant, ma kienx akkuzat b'serq aggravat bil-valur izda b'serq aggravat bil-vjolenza fit-termini tal-artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9 liema akkuza

timporta piena ta' prigunerija bejn sentejn u hames snin. Inoltre, fit-termini tal-artikolu 276A tal-Kodici Kriminali, l-piena msemmija fl-artikolu 276 (piena ghal serq ikkwalifikat bil-"vjolenza", ghandha tizdied bi grad jew tnejn meta kommessa fuq persuna li tkun ghalqet is-sittin sena. Dan ifisser li l-appellant kien soggett ghall-piena ta' bejn tliet snin u sitt snin b'zieda ta' grad u bejn erba u seba' snin prigunerija b'zieda ta' zewg gradi. B'hekk jemergi illi l-appellant inghata l-piena fil-minimu taghha u dan kif tajjeb osservat mill-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.